MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 107/2022 LM

**Dasha Ashal (Detentriċi tal-Karta ta' Residenza Maltija Numru 0203339A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**l-Aġenzija Identity Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-13 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li ladarba għadda t-terminu konċess lir-rikorrenti għall-preżentata tad-dokumentazzjoni li kellha ssostni l-appell tagħha

u ma ppreżentat xejn, l-appell intavolat quddiemu mir-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-14 ta' Ottubru, 2021, l-Aġenzija intimata ħarġet ittra ta' rifjut għall-applikazzjoni għal permess ta' residenza abbażi tax-xogħol tagħha datata t-3 ta' Mejju, 2021, wara li rriżultalha li waqt li kien għaddej proċess ta' diliġenza dovuta dwar ir-rikorrenti, l-applikazzjoni tar-rikorrenti ma ġietx rakkomandata għall-approvazzjoni mill-aġenzija JobsPlus, u dan minħabba li d-dikjarazzjoni dwar l-impjieg tagħha ma ġietx ivverifikata minn terzi. L-Aġenzija intimata spjegat li fil-21 ta' Ġunju, 2021, Jan André Sciberras f'isem l-aġenzija JobsPlus bagħat *email* lill-klijent tal-prinċipal prospettiv tar-rikorrenti, fejn talbu jiddikjara n-numru ta' impjegati meħtieġa sabiex jaħdmu mal-kumpannija u f'liema postijiet. Sciberras talab ukoll konferma lill-klijent tal-prinċipal prospettiv li kien ser juża s-servizzi ta' *temping agent* (Cleanmasters Co. Ltd.) għal dan ir-reklutaġġ. In vista tan-nuqqas ta' risposta għal din it-talba, l-applikazzjoni tar-rikorrenti ma ġietx approvata. Fl-14 ta' Ottubru, 2021, l-aġenzija JobsPlus infurmat lill-Aġenzija Identity Malta li r-raġuni għar-rifjut ta' din l-applikazzjoni kien il-fatt li d-*declaration of posting* ma ġietx ivverifikata mit-terz. Kien għalhekk li l-Aġenzija Identity Malta ħarġet l-ittra ta' rifjut skont l-artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li tgħid illi:

> *"Following the necessary internal consultations with the pertinent authorities as to whether the third-country national has been granted permission to work in Malta in accordance with article 11(3) of the Act, whereby the pertinent authorities shall assess such application on the basis of labour market requirements, established volumes of*

*admission, or any other exceptional circumstances that may be deemed justified, the Director shall adopt a decision on the complete application, as soon as possible, and in any event within four months of the date on which the application was lodged:*

*Provided that this time limit may be extended in exceptional circumstances linked to the complexity of the examination of the application."*

3. Mill-atti jirriżulta li fl-20 ta' Ottubru, 2021, Francesca Grima f'isem Cleanmasters Co. Ltd. bagħtet ittra lill-Bord fejn infurmatu li kien hemm l-intenzjoni li jiddaħħal appell f'isem ir-rikorrenti. Fl-istess ġurnata, is-Segretarja tal-Bord bagħtet *acknowledgment letter* lir-rikorrenti, fejn infurmatha li hija kellha ddaħħal kull dokument in sostenn tal-appell tagħha fi żmien ħmistax-il ġurnata.

Mill-atti ma jirriżultax li r-rikorrenti wieġbet għal din l-ittra tal-Bord.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Ġunju, 2022, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***Preliminary***

*Did not see the refusal document issued by Identity Malta Agency;*

*Noted the registration of the appeal dated 20th October, 2021;*

*Noted a very brief note of appeal, emailed on 20th October, 2021 as well as the forms of the appeal;*

*Noted a copy of the appellant's Maltese Residence Permit;*

*Noted the application for residence in Malta receipt, dated 4th May, 2021.*

*The Board observed that practically no documents have been presented in this file, by the appellant.*

*2. **Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principles which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of appeal **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*Although the appellant was given 15 days to present supporting documents for her application, she filed absolutely nothing. Addirittura, seven months have passed.*

***Decision***
*For the above reasons, the Board rejects the appeal.*

## L-Appell

5. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell intavolat fil-5 t'Awwissu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tilqa' l-aggravji tagħha, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tat-13 ta' Ġunju, 2022, filwaqt li tordnalu jieħu konjizzjoni mill-ġdid tat-talbiet tal-appellanta.

6. L-appellanta spjegat li hija ġiet Malta wara li kienet offruta xogħol fl-2018, u għal dan il-għan hija ssottomettiet l-inkartament kollu neċessarju sabiex jinħarġilha permess ta' residenza f'Malta. Qalet li dan il-permess kien ħareġ fit-23 ta' Mejju, 2019, u hija kienet iġġedded dan il-permess regolarment. Spjegat li meta ġiet biex timpjega ruħha mas-soċjetà Cleanmasters Co. Ltd., hija daħħlet applikazzjoni permezz tas-sistema *online* tal-Aġenzija Identity Malta, u din l-

applikazzjoni ġiet rifjutata permezz ta’ korrispondenza datata l-14 ta’ Ottubru, 2021. Żiedet tgħid li hija appellat minn din id-deċiżjoni fl-20 ta’ Ottubru, 2021, u dak l-appell ġie miċħud bid-deċiżjoni tal-Bord tat-13 ta’ Ġunju, 2022. L-appellanta spjegat li hija waslet Malta min-Nepal fis-sena 2019 biex taħdem f’Malta wara li nħarġilha permess mill-Aġenzija Identity Malta biex tkun tista’ tivvjaġġa lejn Malta għal dan l-iskop. Qalet li sussegwentement hija applikat mal-Aġenzija Identity Malta sabiex tingħata permess ta’ residenza abbażi tax-xogħol tagħha, u dan il-permess kien jiġġedded minnha annwalment. Qalet li f’Mejju tal-2021, hija kienet ser tibdel ix-xogħol sabiex tibda taħdem mal-kumpannija Cleanmasters Co. Ltd, u għal dan il-għan hija ssottomettiet id-dokumentazzjoni kollha li ġiet mitluba mill-Aġenzija Identity Malta. L-appellanta qalet li sussegwentement hija ġiet mgħarrfa li l-applikazzjoni tagħha kienet ġiet rifjutata, u minkejja li appellat minn din id-deċiżjoni, l-appell tagħha ġie miċħud mill-Bord.

7. L-appellanta qalet li hija tħossha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord, għaliex mar kontra l-prinċipji ta’ ġustizzja naturali meta kkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata li tirrifjuta l-permess ta’ residenza tagħha, minkejja li dan ma kellux id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex jikkonferma din id-deċiżjoni, u dan meta r-rwol tal-Bord għandu jkun strettament wieħed ta’ reviżjoni. L-appellanta qalet li l-Bord stess fid-deċiżjoni tiegħu qal li huwa ma kienx ra d-dokument ta’ rifjut mibgħut mill-Aġenzija Identity Malta, u dan id-dokument ma ġiex esebit mill-istess Aġenzija meta din għamlet is-sottomissjonijiet tagħha quddiem il-Bord. Qalet li l-Aġenzija biex issostni r-rifjut tagħha, straħet fuq skambju ta’ korrispondenza bejn l-aġenzija JobsPlus u rappreżentanta tal-klijenta tas-soċjetà li kienet ser timpjega lill-appellanta, u għalhekk il-Bord kellu

biss din il-korrispondenza bħala bażi għar-rifjut tal-Aġenzija appellata fil-konfront tagħha. L-appellanta qalet li ladarba l-Bord ma ġiex ippreżentat b'din id-dokumentazzjoni, ma kien hemm l-ebda mod kif dan seta' jiddeċiedi lil hinn minn kull dubju, li d-deċiżjoni ta' rifjut tal-appellanta kienet timmerita li tiġi ikkonfermat jew le, u dan minkejja li l-Bord għandu l-fakultà li permezz ta' digriet jitlob kjarifiki jew aktar dokumentazzjoni mingħand kull parti.

8. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-Bord qatt ma seta' jikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata għaliex din id-deċiżjoni ma kinitx konformi mar-rekwiżiti tal-Liġi ta' Malta. Qalet li l-proċedura kif dedotta fl-artikolu 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 (Ir-Regolamenti dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-Rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li Jirrisjedu Legalment f'Malta) tgħid li jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti tal-applikazzjoni ma jkunux mimlija kompletament, id-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni [minn issa 'id-Direttur'] għandu jinnotifika lill-applikant bil-miktub għal informazzjoni u dokumenti addizzjonali meħtieġa, filwaqt li jimponi terminu ta' skadenza raġonevoli sabiex l-applikant jipproduċihom. L-appellanta qalet li mill-inkartament esebit, għandu jirriżulta li l-unika korrispondenza li kien hemm ma saritx magħha, u lanqas ma saret mal-*employer* prospettiv fejn hija kellha taħdem, iżda ma' terza persuna li kienet ser tirċievi servizzi mingħand is-soċjetà li kienet ser timpjega lill-appellanta. L-appellanta qalet li dan mhux biss imur kontra dak li tipprovdi l-liġi, iżda jirriżulta li l-aktar żewġ persuni li kellhom interess li din l-applikazzjoni tirnexxi, jiġifieri l-appellanta nnifisha u s-soċjetà li offritilha l-impjieg, ma ġewx ikkuntattjati mill-Aġenzija appellata u lanqas mill-aġenzija JobsPlus, u t-talba għal

dokumentazzjoni addizzjonali li mingħajrha ma setax jinħareġ dan il-permess ta' xogħol, baqgħet ma ġietx ikkomunikata lilhom.

9. L-appellanta għamlet riferiment għall-artikolu 12 tal-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja, li jgħid illi wara li jsiru l-konsultazzjonijiet interni mal-awtoritajiet ikkonċernati dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz għandux jingħata permess biex jaħdem f'Malta, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom jeżaminaw dik l-applikazzjoni fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, il-volumi stabbiliti ta' ammissjoni, jew kull ċirkostanza eċċezzjonali oħra li tista' titqies ġustifikata, id-Direttur għandu jieħu deċiżjoni fuq l-applikazzjoni sħiħa mill-aktar fis, u fi kwalunkwe każ fi żmien erba' xhur mid-data li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni. L-artikolu 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Sussidjarja 217.17 imbagħad tipprovdi li fejn id-Direttur jonqos milli jagħti deċiżjoni fil-perijodu stipulat fl-artikolu 12, l-applikazzjoni għandha awtomatikament tgħaddi għall-appell quddiem il-Bord. L-appellanta qalet li minkejja li ma kien hemm xejn ikkumplikat bl-applikazzjoni tagħha, il-proċess xorta waħda ħa 47 ġurnata biex l-Aġenzija Identity Malta bagħtet l-ewwel korrispondenza tagħha, u b'kollox kien hemm perijodu ta' 163 ġurnata biex l-Aġenzija bagħtet ir-rifjut għall-applikazzjoni tagħha. Qalet li għalhekk il-proċess tal-applikazzjoni tagħha ħa erbgħin ġurnata aktar mit-terminu prevvist fil-liġi, u konsegwenza ta' dan kellha tiskatta b'mod awtomatiku d-dispożizzjoni tal-artikolu 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja, u l-każ kellu jiġi deċiż mill-Bord. L-appellanta qalet li l-Bord ma seta' qatt jikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata, stante li din ittieħdet bi ksur tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-Risposta tal-Appell**

10. L-Aġenzija appellata fir-risposta tagħha wieġbet li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u timmerita konferma, u l-appell imressaq mill-Aġenzija appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt. L-appellata qalet li l-applikazzjoni tal-appellanta kienet għal permess uniku fir-rigward ta' residenza u xogħol li ddaħlet fit-3 ta' Mejju, 2021, sabiex l-appellanta tibda taħdem mas-soċjetà Cleanmasters Co. Ltd. L-appellata qalet li wara li rċeviet din l-applikazzjoni, hija għamlet il-konsultazzjonijiet interni neċessarji a tenur tar-Regolament 12 tal-Liġi Sussidjarja 217.17, u wara li l-aġenzija JobsPlus ġiet ikkonsultata bħala waħda mill-i*stakeholders,* din infurmat lill-appellanta li mhijiex tirrrakkomanda l-ħruġ tal-permess in kwistjoni wara li sar l-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta, u għalhekk fl-14 ta' Ottubru, 2021 l-appellata bagħtet tinforma b'dan lill-appellanta.

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li l-appellanta ressqet appell xott quddiem il-Bord fejn lanqas biss indikat liema huma l-aggravji sollevati minnha. Qalet li minflok ma l-Bord iddeċieda li dan l-appell huwa null, għaliex fih ma kienx hemm imfisser imqar aggravju wieħed, dan ta digriet li fih ta lill-appellanta żmien ħmistax-il jum sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha. L-appellata qalet li minflok ma ressqet is-sottomissjonijiet tagħha, l-appellanta baqgħet ma ressqet l-ebda sottomissjoni, la fit-tliet ijiem stipulati fil-liġi biex wieħed jintavola appell, la fil-ħmistax-il jum mogħtija mill-Bord, u lanqas sad-deċiżjoni li ngħatat diversi xhur wara. Qalet ukoll li huwa dmir ta' min iressaq appell, li jsostni l-appell tiegħu b'aggravji u talbiet, u b'dokumentazzjoni, provi u sottomissjonijiet skont il-każ, kemm sabiex l-appell ikun validu skont il-liġi tal-proċedura, kif ukoll sabiex il-parti l-oħra tkun

f'pożizzjoni li tagħmel id-difiża tagħha, u l-Bord ikun jista' jifhem x'inhi l-lanjanza u jagħti deċiżjoni. L-appellata qalet li ladarba l-appellanta ma ressqet l-ebda aggravju, ma kienx jinkombi la fuq l-Aġenzija appellata u lanqas fuq il-Bord li jagħmlulha xogħolha. L-appellata qalet li għalhekk meta ġie ffaċċjat b'appell xott li ma jispjega bl-ebda mod il-bażi jew l-aggravji tiegħu, u lanqas ma kien hemm xi sottomissjoni ulterjuri, il-Bord kien korrett li sab li l-lanjanza ma ġietx ippruvata, u konsegwentement ċaħad l-appell tal-appellanta.

12. Fir-rigward tat-tieni aggravju sollevat mill-appellanta, l-Aġenzija appellata qalet li d-dokumentazzjoni kif ipprovduta mill-applikanta fl-applikazzjoni tagħha kienet kompluta, u għalhekk ir-Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 mhux applikabbli għall-każ odjern, għaliex dak ir-reglament partikolari jiskatta meta l-applikazzjoni ma tkunx kompluta. Qalet li minkejja li l-applikazzjoni tal-appellanta kienet kompluta, l-Aġenzija kellha d-dmir, *ai termini* tar-regolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li tikkonsulta mal-awtoritajiet konċernati dwar jekk l-applikanta għandhiex tingħata permess biex taħdem f'Malta. Qalet li dik l-applikazzjoni weħlet fl-istadju tal-verifiki li kellhom isiru mill-aġenzija JobsPlus, meta kienet qegħda ssir id-diliġenza dovuta. L-appellata qalet li l-aġenzija JobsPlus kellha bżonn informazzjoni mingħand il-klijent tal-prinċipal prospettiv tal-appellanta, f'dan il-każ *temping agent,* u għalhekk JobsPlus għamlet kuntatt mal-klijent tal-*employer* prospettiv tal-appellanta sabiex jaċċerta ruħhu li din il-kumpannija verament għandha bżonn ir-riżorsi sabiex timpjega lill-appellanta. Fosthom, talbet informazzjoni dwar kemm hemm bżonn ħaddiema u f'liema postijiet. Qalet li din mhijiex informazzjoni li setgħet tiġi pprovduta mill-applikanta għax mhijiex mistoqsija

relatata direttament mal-applikazzjoni tagħha, iżda mal-mod kif taħdem l-intrapriża fejn hija kienet sejra taħdem.

13. L-appellata qalet ukoll li r-Regolament 12 ma jirrikjedix li d-Direttur jew l-awtorità konċernata jinfurmaw lill-applikanta bid-diliġenza dovuta li tkun qegħda ssir, u ladarba dan ir-Regolament ma japplikax, l-aggravju tal-appellanta għandu jiġi miċħud safejn dan jolqot l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-appellata qalet li l-aġenzija JobsPlus li kienet qegħda tagħmel id-diliġenza dovuta, estendiet it-terminu sabiex tirċievi l-*feedback* neċessarju għall-benefiċċju tal-applikanta, u dan minħabba l-fatti kumplessi tal-każ fejn il-prinċipal prospettiv hija *temping agency,* u għalhekk id-diliġenza dovuta trid issir mhux biss fuq il-prinċipal prospettiv, iżda anki fuq il-klijent tiegħu, jiġifieri fejn finalment ser ikun qiegħed jaħdem l-applikant. Qalet li dakinhar stess li l-aġenzija JobsPlus bagħtet il-*feedback* tagħha, hija ħarġet l-ittra ta' rifjut. L-appellata qalet li anki jekk fl-aħjar ipoteżi għall-applikanta, din il-Qorti kellha ssib li hemm dritt ta' appell awtomatiku quddiem il-Bord, l-applikanta bl-ebda mod ma ġiet ippreġudikata fid-dritt tagħha li tressaq appell kif għamlet, u lanqas ma qajmet xi sottomissjoni jew aggravju quddiem il-Bord fir-rigward ta' dan ir-Regolament. L-appellata qalet ukoll li ladarba d-deċiżjoni ngħatat minnha, u din id-deċiżjoni ġiet appellata mill-appellanta quddiem il-Bord, kien jinkombi fuq l-appellanta li turi li din id-deċiżjoni kienet skorretta. L-appellata qalet li kienet l-appellanta li ressqet appell xott u mingħajr bażi, u li naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkonsidra jekk l-appell mertu ta' dawn il-proċeduri huwiex null u improponibbli minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-liġi jipprovdi li d-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III tal-Att, u li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ċivil Inferjuri). It-Taqsima III tal-Att tistipula li l-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex iwettaq Trattat jew kull Ftehim dwar Fruntiera fir-rigward ta' ċittadini ta' Stat Membru jew id-dipendenti tagħhom, u fir-rigward ta' persuni li għalkemm mhumiex ċittadini ta' Stat Membru jkunu leġittimament qegħdin fit-territorju ta' Stat li jkun marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Lill-Qorti jirriżultalha li l-appellanta kienet kisbet il-permessi neċessarji qabel waslet Malta, u għal bosta xhur l-appellanta kienet koperta b'permess ta' residenza għaliex kienet qegħda taħdem f'Malta b'mod leġittimu. Il-kwistjoni kollha dwar l-applikazzjoni tal-appellanta nqalgħet meta f'Mejju tal-2021 hija xtaqet tibdel l-impjieg tagħha, u għalhekk issottomettiet mill-ġdid applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess ta' residenza u xogħol. L-appellanta ilha minn dak iż-żmien tipprova tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, u għalhekk hija ma tistax titqies li qegħda f'Malta b'mod li mhux leġittimu, għaliex dan mhux il-każ, u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mqajjma mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha.

*L-ewwel aggravju:* *[il-Bord iddeċieda mingħajr ma ra l-ittra ta' rifjut]*

15. L-appellanta spjegat li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu, għamel ammissjoni li huwa ma kellux id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, u senjatament ma kellux kopja tal-ittra ta' rifjut li ntbagħtet lill-appellanta. Għalhekk l-appellanta qalet li l-Bord ma setax jiddeċiedi dwar jekk l-ittra ta' rifjut kinitx ġustifikata jew le.

16. Il-Qorti tqis li wara li l-appellanta uriet l-interess tagħha li tappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata, hija ngħatat terminu ta' ħmistax-il ġurnata, li l-Bord jikkonċedi lil kull parti fi proċeduri quddiemu, sabiex tippreżenta aktar dokumenti u provi in sostenn tal-aggravju mressaq minnha. Il-Qorti tirrileva li l-appell intavolat mill-appellanta kien jikkonsisti biss f'*email* mibgħuta minn Francesca Grima mill-kumpannija Cleanmasters Co. Ltd., fejn infurmat lill-Bord li huma xtaqu jdaħħlu appell f'isem ir-rikorrenti. Ġiet mimlija l-formula bid-dettalji tar-rikorrenti, u permezz ta' *email* mibgħuta mill-Bord lil Francesca Grima, hija ntalbet tikkonferma diversi dettalji dwar ir-rikorrenti, u biex tannetti kopja tal-ittra ta' rifjut li rċeviet ir-rikorrenti. Jirriżulta wkoll li filwaqt li d-dettalji personali tar-rikorrenti ngħataw fir-risposta li ntbagħtet minn Grima fis-16 t'Awwissu, 2021, il-kopja tal-ittra ta' rifjut ma jidhirx li kienet inkluża mal-inkartament sottomess lill-Bord. Dan kien nuqqas tal-appellanta, jew ta' min kien qiegħed jassistiha b'din l-applikazzjoni, u għalhekk ma jistax jingħad li kienet l-Aġenzija appellata li naqset li tipproduċi d-dokumenti kollha meħtieġa quddiem il-Bord, għaliex tali prova kellha tiġi ppreżentata mill-appellanta. Wara li rċieva parti mill-informazzjoni mitluba minnu, il-Bord ħareġ l-*acknowledgment letter* fejn informa lill-appellanta li din kellha terminu ta' ħmistax-il ġurnata sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet u d-dokumenti kollha meħtieġa, iżda l-appellanta baqgħet ma ppreżentat l-ebda sottomissjoni, dokument ieħor jew

prova quddiem il-Bord. B'hekk jirriżulta li meta l-Bord ġie biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu, dan ma kienx infurmat bir-raġunijiet li għalihom l-appellanta kienet qegħda tressaq l-appell tagħha, u lanqas ma kellu f'idejh id-dokumentazzjoni kollha li kellu jikkonsidra. Dan in-nuqqas iżda m'għandu jwieġeb għalih ħadd ħlief l-appellanta, li ripetutament intalbet tippreżenta d-dokumenti li jsostnu l-każ tagħha, u hija naqset milli tagħmel dan. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

*It-tieni aggravju:* *[id-deċiżjoni trid tkun konformi mal-liġi]*

17. L-appellanta tgħid li d-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tagħha mhijiex konformi mal-liġi, għaliex id-Direttur kellu jinfurmaha bil-miktub li kien hemm il-ħtieġa ta' dokumenti addizzjonali, u kellu jiffissa terminu ta' skadenza raġonevoli għall-preżentata tagħhom. L-appellanta ilmentat mill-fatt li l-korrispondenza ma kinitx għandha, jew għand l-*employer* prospettiv fejn kellha tmur taħdem, iżda għand it-terz jew il-klijent li kien ser jieħu servizz mingħand it-*temping agent.* Żiedet tgħid li r-Regolamenti jobbligaw lill-appellant jieħu deċiżjoni mingħajr dewmien, u f'każijiet fejn id-deċiżjoni ma tingħatax fi żmien l-erba' xhur stipulati bil-liġi, il-każ imur quddiem il-Bord. Qalet li kemm l-Aġenzija appellata kif ukoll il-Bord, ħadu perijodu ta' żmien konsiderevoli biex waslu għad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-appellanta, u fi kwalunkwe każ il-Bord ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata.

18. Il-Qorti tirrileva li r-Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 iċċitat mill-appellanta, ma japplikax għal deċiżjoni li trid tingħata mill-Aġenzija appellata jew mill-Bord, iżda japplika għal sitwazzjoni fejn persuna tissottometti

applikazzjoni sabiex jinħarġilha l-permess għax-xogħol, u l-applikazzjoni ma tkunx waħda kompluta. Huwa f'dik iċ-ċirkostanza li d-Direttur għandu l-obbligu jitlob dokumentazzjoni addizzjonali u jipprefiġġi terminu ta' żmien sabiex jiġi assigurat li d-deċiżjoni tiegħu tittieħed fi żmien relattivament qasir. Fil-każ odjern jirriżulta, anki mir-risposta li ngħatat mill-Aġenzija appellata, li l-applikazzjoni tal-appellanta kienet waħda kompluta, u għalhekk dan ir-Regolament iċċitat mill-appellanta ma japplikax.

19. Però mill-informazzjoni li ngħatat mill-Aġenzija appellata, jirriżulta li meta bdew il-konsultazzjonijiet interni mal-awtoritajiet konċernati sabiex l-applikazzjoni tal-appellanta tiġi evalwata a tenur tar-Regolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, l-aġenzija JobsPlus ma rrakkomandatx li jingħata l-permess, għaliex meta din talbet l-informazzjoni sabiex tassigura li l-impjieg tal-appellanta verament kien meħtieġ, tali informazzjoni baqgħet ma ngħatatx. Jirriżulta wkoll li ma kinitx l-appellanta li ntalbet tipprovdi xi informazzjoni u lanqas il-kumpannija li kellha tibda tgħaddilha x-xogħol bħala *temping agent,* iżda l-kumpannija li kellha tkun il-klijenta tat-*temping agent.* Mill-atti jirriżulta li Jan André Sciberras, uffiċjal ta' JobsPlus, ikkuntattja lil uffiċjali mill-Bank of Valletta, li kien il-bank li talab is-servizzi ta' Cleanmasters Co. Ltd., sabiex ikun il-bank li jikkonferma kemm kien hemm meħtieġa ħaddiema, u f'liema postijiet. Fil-fehma tal-Qorti dan mhux il-mod kif kellhom isiru l-affarijiet, partikolarment meta jirriżulta li l-appellanta ma kinitx taf li qegħda tintalab din l-informazzjoni, u għalhekk ma setgħetx tirsisti sabiex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa biex l-applikazzjoni tagħha tkun tista' tiġi evalwata minn JobsPlus, tingħata fil-ħin. Il-Qorti tirrileva wkoll li m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-persuna mill-Bank of Valletta li rċeviet l-*email* mingħand

JobsPlus kienet taf, jew kienet f'pożizzjoni li tkun taf, li hemm għadd ta' *vacancies* mal-bank, jew li l-bank kellu l-intenzjoni jirrekluta l-impjegati meħtieġa tramite *temping agent.* Ir-raġuni mogħtija mill-Aġenzija appellata dwar il-fatt li l-kuntatt sar mal-klijent tat-*temping agent,* ma treġġix, għaliex l-iskop għalfejn wieħed jirrikorri għas-servizzi ta' *temping agent,* u r-raġuni għalfejn persuna timpjega ruħha ma' *temping agent,* huwa li aġenziji u kumpanniji bħal dawn dejjem ikollhom diversi talbiet għal impjegati, ħafna drabi għal perijodi qosra ta' żmien, u għalhekk f'każ li l-kuntratt jew ix-xogħol mitlub mill-Bank of Valletta ma jirnexxix għal xi raġuni, il-kumpannija Cleanmasters Co. Ltd. aktarx kienet ser tkun f'qagħda li tippostja lill-appellanta f'post tax-xogħol ieħor skont id-domanda li jkollha. Fi kwalunkwe każ, l-Aġenzija appellata kellha tal-anqas tindaga dwar ir-raġuni għalfejn l-aġenzija JobsPlus ma tatx ir-rakkomandazzjoni tagħha għall-ipproċessar tal-applikazzjoni tal-appellanta, u bħala minimu kellha tassigura li kull min kien f'pożizzjoni li jwieġeb għad-domandi li saru minn JobsPlus ikun infurmat bihom. Is-silenzju da parti ta' Bank of Valletta tqies mill-aġenzija JobsPlus daqslikieku kien jammonta għal informazzjoni konkreta li mhux ser ikun hemm xogħol għall-appellanta, u dan meta hija kienet diġà tinsab Malta u għandha xogħol kopert b'permess ta' residenza u xogħol ieħor. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-proċess tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-appellanta għandu jsir mill-ġdid, sabiex id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħha tkun tista' tittieħed wara li l-aġenziji governattivi u l-*istakeholders* involuti jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħtu d-deċiżjoni tagħhom abbażi tal-fatti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanta, u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tordna li l-applikazzjoni tal-appellanta tiġi evalwata mill-ġdid mill-Aġenzija appellata, wara li din tikseb l-informazzjoni meħtieġa mingħand l-i*stakeholders* konċernati. Il-Qorti qegħda tidderieġi lill-Aġenzija appellata sabiex tassigura li l-ebda rakkommandazzjoni ta' rifjut ma tingħata mingħand xi *stakeholder* qabel ma tinkiseb l-informazzjoni kollha meħtieġa.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**